


## Il-MPE japprovaw ir-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti

- Regoli ġodda li jindirizzaw ir-riskji tas-sikurezza marbuta mat-teknoloġiji ġodda u maż-żieda tal-bejgħ online
- Il-konsumaturi vulnerabbli, bħat-tfal u l-persuni b'diżabilità, se jkunu protetti aħjar
- Il-prodotti perikolużi se jitneħħew minnufih u s-sejħiet lura ta' prodotti mis-suq se jkunu aktar effettivi
- L-ispiża għal inċidenti, minħabba prodotti mhux sikuri, li jistgħu jiġu evitati hija stmata li tiswa EUR 11.5 biljun kull sena



Ir-regoli l-ġodda jiżguraw li l-prodotti kollha fl-UE, inklużi dawk mixtrija online, ikunu sikuri.

© Marco/Adobe Stokk

Il-liġi aġġornata se tiżgura li l-prodotti fl-UE jikkonformaw mal-ogħla rekwiżiti tas-sigurtà, kemm jekk mibjugħha online jew fi ħwienet tradizzjoni.

Nhar il-Ħamis, il-MPE approvaw ir-regoli riveduti dwar is-sikurezza tal-prodotti fuq dawk il-prodotti għall-konsumaturi li mhumiex tal-ikel b'569 vot favur, 13 kontra u ebda astensjoni. Ir-regolament il-ġdid jallinja d-Direttiva eżistenti dwar is-Sigurtà Ĝeneralu tal-Prodotti mal-aħħar żviluppi fid-diġitalizzazzjoni u ż-żieda fix-xiri online.

## It-titjib tal-valutazzjonijiet tas-sikurezza

Sabiex ikun garantit li l-prodotti li jmorru fis-suq ikunu sikuri għall-konsumaturi, ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ĝeneralu tal-Prodotti jinkludi miżuri biex ikun żgurat li r-riskji għall-aktar konsumaturi vulnerabbi (pereżempju t-tfal), l-aspetti tal-ġeneru u r-riskji ċibernetiċi jitqiesu matul il-valutazzjonijiet tas-sikurezza.

## Is-sorveljanza tas-suq u l-ħwienet online

Ir-regolament il-ġdid jestendi l-obbligi ta' operaturi ekonomiċi (pereżempju manifattur, importatur, distributur), iżid is-setgħat tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jintroduċi obbligi ċari għall-fornituri tas-swieq online. Is-swieq online għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jittaffew ir-riskji, li min-naħħa tagħhom jistgħu jordnaw lis-swieq online biex ineħħu jew jiddiżżavaw l-aċċess għal offerti ta' prodotti perikolużi mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każi fi żmien jumejn ta' xogħol.

Il-prodotti li ġejjin minn barra I-UE jistgħu jiġi introdotti fis-suq biss jekk ikun hemm operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni Ewropea, li jkun responsabbi għas-sikurezza ta' dawn il-prodotti.

## Proċeduri effiċjenti ta' sejħiet lura ta' prodott mis-suq

Il-leġiżlazzjoni riveduta ttejjeb il-proċedura ta' sejħa lura ta' prodott mis-suq, peress li bħalissa r-rati ta' ritorn għadhom baxxi, bi [stima ta' terz tal-konsumaturi tal-UE](#) li għadhom jużaw prodotti msejħha lura.

Jekk prodott jiġi msejjaħ lura, il-konsumaturi jridu jkunu informati direttament u jiġu offruti tiswija, bdil jew rimborż. Il-konsumaturi għandhom ukoll id-dritt li jressqu lmenti jew [jiftu azzjonijiet kollettivi](#). L-informazzjoni fuq is-sikurezza tal-prodotti u l-għażiex tiegħi tkom il-piċċi. Is-sistema ta' twissija rapida għall-prodotti perikolużi (il-portal "[Safety Gate](#)") se tiġi mmodernizzata biex il-prodotti mhux sikuri jkunu jistgħu jiġi identifikati b'mod effiċjenti u se tkun aktar aċċessibbi għall-persuni b'diżabilità.

## Il-passi li jmiss

Il-Kunsill jeħtieġ li japprova formalment ukoll dan it-test, qabel ma jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE u jidħol fis-seħħ. Ir-Regolament se jaapplika 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħi.

## Sfond



Fl-2021, 73% tal-konsumaturi xtraw prodotti online (imqabbel ma' 50% fl-2014) u fl-2020, 21% ordnaw xi ħaġa minn barra I-UE (8% fl-2014). Skont ir-rapport annwali tal-2020 ta' Safety Gate, 26% tan-notifikasi ta' prodotti perikolużi kieni jikkonċernaw prodotti mibjugħha online, filwaqt li tal-inqas 62% kieni jikkonċernaw prodotti li ġejjin minn barra I-UE u ż-Żona Ekonomika Ewropea.

Ir-regoli l-ġodda huma **maħsuba** li jiffrankaw lill-konsumaturi tal-UE madwar EUR 1 biljun fl-ewwel sena u madwar EUR 5.5 biljun fl-għaxar snin li ġejjin. Bis-saħħha tat-tnaqqis tal-għadd ta' prodotti mhux sikuri fis-suq, il-miżuri l-ġodda għandhom inaqqsu l-ħsara kkawżata lill-konsumaturi tal-UE minħabba inċidenti relatati mal-prodotti (illum huwa stmat li jammontaw għal EUR 11.5 biljun kull sena) kif ukoll l-ispiża tal-kura tas-saħħha (stmata li tiswa EUR 6.7 biljun kull sena).

## Għal aktar informazzjoni

[It-test adottat \(30.03.2023\)](#)

[Dibattitu fil-plenarja \(29.03.2023\)](#)

Fajl tal-proċedura

Profil tar-rapporteur - Dita CHARANZOVA (Renew, CZ)

Briefing tal-PE: General product safety regulation (Ir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti)

[Consumer product safety \(Is-sikurezza tal-prodott għall-konsumatur\), il-Kummissjoni Ewropea](#)

## Kuntatti

---

Yasmina YAKIMOVA

Press Officer

 (+32) 2 28 42626 (BXL)

 (+33) 3 881 73774 (STR)

 (+32) 470 88 10 60

 [yasmina.yakimova@europarl.europa.eu](mailto:yasmina.yakimova@europarl.europa.eu)

 [@EP\\_SingleMarket](#)

---



**Servizz ta' l-Istampa,** Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000